# IL-BIDLA . . .

## *Ta'* Karmenu Mallia

Ersaqt, ersaqt, ħallejt warajja kollox,
U dort, u fuq xbiħietek ħarsti tfajt.
Stħajjiltni tiela', għal-laqgħa, fuq is-Sinaj,
Ma' Dak li darba jsejjaħ lili smajt.

Bla naf, kont ġà wasalt. Sibt ruħi f'ħoġor.
Magħsur minn żewġ dirgħajn li għannqu sħiħ.
Hekk... bqajt għal disa' snin, fejn moħħi u qalbi
Imlew minn bir ir-ruħ ġid u mistrieħ.

X'ħolma bla faraġ f'din in-nagħsa twila!...
U bdejt, bħal tifel ma' xi ċint ta' sur
Imxabba, ngħajjat. Flok ix-xbieha mlaħħma,
Kont qed inbus statwa mingħajr kulur.